MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1025/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Johan Sultana ta' 31 sena iben Martin u Teresa xebba Cassar, imwieled Pieta' nhar il-04/01/1982 u residenti 91, Manoel Basement, Triq il-Parilja, Santa Venera detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 47882(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Johan Sultana akkuzat talli fil-21 ta' April 2012 ghal habta tal-5:30am, fl-inhawi ta' Marsaskala bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe'minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' Marion Muscat minn Marsaskala f'perikolu car ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-imsemmija Marion Muscat minn Marsascala, li tista' iggib debulizza

permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem.

U ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marion Muscat minn Marsakala skond ma ccertifika it-tabib ta’l-isptar Mater Dei Dr. Karl Cutajar MD 2273.

U ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Marion Muscat minn Marsaskala skond ma ccertifika it-tabib tal-Poliklinika ta’ Rahal il-Gdid, Dr. Diane Balzan MD2111.

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati u dana ai termini ta’l-artikoli 49 u 50.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-03 ta’ Ottubru 2012 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti tosserva mal-ewwel illi l-provi f’dina il-kawza huma piuttost skarni. L-uniku xhud li jaghti xi ftit dettalji dwar dak li seta’ sehh fil-jum indikat fl-akkuza huwa il-PC1572 Emanuel Cilia li waqaf sabiex jaghti l-assistenza tieghu meta ra l-argument bejn l-imputat u l-parti leza. Illi mill-provi akkwizti jidher illi bejn l-imputat u Marion Muscat kienet tezisti relazzjoni intima li madanakollu maz-zmien spiccat hazin. Jidher illi bejn l-imputat u din Muscat spiss kienu jinqalghu argumenti u dana tixhdu Marion Muscat stess. Illi mill-okkorenza imhejjija minn PS329 Reuben Saliba, kif ikkonfermat minnu bil-gurament, fil-jum indikat fl-akkuza l-imputat kien qieghed isegwi il-passi ta’ Muscat

li inzertat kienet akkompanjata minn certu Noel Stellini. Dana l-argument beda vicin l-appartament ta' Muscat izda meta Muscat u Stellini telqu minn fuq il-post, l-imputat baqa' isegwiehom bil-vettura tieghu sakemm waqqfu fi Triq Villabate gewwa Marsaskala fejn l-argument rega' ghaqqad. Illi meta taw il-verzjoni lill-pulizija *a tempo vergine* kemm Stellini kif ukoll Muscat allegaw illi l-imputat refa' idejh fuqhom, tant illi it-tnejn li huma sofrew xi griehi. Muscat tghid illi qalet xi daqqiet fuq rasha u sidiriha u spiccat waqghet mal-art fejn anke kissret subajghha. Izda meta dawn it-tnejn minn nies gew biex jaghtu ix-xhieda taghhom fil-Qorti huma kienu reticenti hafna biex jirrakontaw dak li kien sehh u bdew jinsistu illi kien ghadda iz-zmien u ma setghux jiftakru x'kien sehh u lill-imputat kienu qed jahfrulu ghal dak illi kien ghamel. Il-Qorti izda ma temminx illi dawn in-nies insew verament dak illi kien sehh izda bdew jibzghu jixhdu kontra l-imputat. Fil-fatt mix-xhieda taghhom ma johrogx car dak li kien sehh u dana ghaliex kemm Muscat kif ukoll Stellini jidhru li bdew isibuha difficli jixhdu kontra l-imputat.

Madanakollu mix-xhieda tal-PC1572 Emanuel Cilia jirrizulta illi kien sehh argument bejn l-imputat u Muscat, tant illi, ghalkemm kien spicca minn *night watch* tieghu, huwa hass li kellu jieqaf biex jaghti l-assistenza tieghu lil dawn in-nies. Ighid hekk ix-xhud:

"***Fil-21 ta' April ta' din is-sena ghal habta tal-hamsa w ghaxra ta' filghodu spiccajt mill-watch tieghi jiena ,,, jiena noqghod Marsascala u kont niezel mit-triq Villa Abate. … Kif wasalt f'dawra minnhom, ghax dik it-triq hija kollha liwjiet, nara argument bejn tlett persuni u jiena hassejt illi ghandi nieqaf, ghax kont qieghed bl-uniformi, ipparkjajt mal-genb u on the opposite side of the road, rajt lis-sur Johan Sultana … li kien qed jargumenta mat-tfajla tieghu, li wara sirt naf li kienet l-ex tfajla tieghu certu Marion Muscat, kif ukoll fil-presenza taghha kien hemm wiehed illi jismu certu Noel Stellini***." Is-surgent Cilia ighid illi huwa kellem lil Stellini li qallu is-segwenti diskors: "***jiena gejt aggredit ghax Johan Sultana dahalli fil-karozza tieghi, capcapli bil-ponn, hareg lil Marion Muscat barra it-triq, beda***

***jtiha bis-sieq u bil-ponn go rasha u anke go sidirha***.[1]" Fil-fatt mic-certifikat mediku esebiet in atti Dokument DB u mix-xhieda ta' Dr. Diane Balzan jirrizulta illli Muscat bdiet tilmenta minn ugigh fil-qoxra ta' rasha u ugiegh fuq il-lemin tal-qafas tas-sider meta tghafsu. Kellha ukoll tbengila fuq irkobbtejha tax-xellug.[2] Noel Stellini stess fix-xhieda tieghu jikkonferma illi kien hemm argument bejn l-imputat u Muscat[3].

L-imputat minn naha tieghu la jixhed u lanqas iressaq provi, izda mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija isostni illi fil-fatt kien hu li gie aggrediet minn Muscat u mill-habib taghha u mhux vice-versa tant illi ighid illi sofra xi griehi f'dana l-incident. Jallega ukoll illi kien hemm hbiberija bejn Muscat u il-kuntistabbli 1372 li akkompanja lil Muscat sahansitra sac-Centru tas-Sahha[4]. Il-kuntistabbli Cilia dana jinnegah u ighid illi fuq rapport ta'l-imputat kien gie anke investigat mis-superjuri tieghu fejn dina l-allegazzjoni irrizultat bhala wahda infondata.

Illi maghdud dana kollu, u ghalkemm l-parti leza ma taghtix dettalji fix-xhieda ta' dak li sehh f'dana l-incident, dina l-Qorti hija moralment konvinta illi sehh argument bejn l-imputat u Muscat fejn din giet aggredita minnu u sofriet anke xi griehi. Illi il-Proskeuzzjoni ressqet tlett imputazzjonijiet identici kontra l-imputat. L-ewwel zewg akkuzi jippostulaw ir-reat ta'l-offiza gravi kif ikkontemplat fl-artikolu 216 tal-Kapitolu 9, filwaqt illi it-tielet akkuza tikkontempla ir-reat minuri tal-offiza hafifa fuq il-persuna ta' Marion Muscat. Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Muscat ghandu jinghad illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni sostniet illi il-parti leza sofriet griehi ta' natura gravi meta hija kissret subajghha, madanakollu ma gewx prodotti provi sodisfacenti li jindikaw dan. Ibda biex l-ewwel certfikat mediku rilaxxjat minn Dr Diane Balzan ma jindika minn imkien illi Muscat kienet sofriet xi griehi f'subajghha jew li kienet qed tilmenta minn xi ugiegh f'subajghha. Illi il-Prosekuzzjoni tezebixxi certifikat mediku

[1] Ara xhieda ta' PC1572 Emanuel Cilia a fol.49 et seq.
[2] Ata xhieda ta' Dr. Diane Balzao a fol.43 u certifikat emdiku a fol.46
[3] Ara xhieda ta' Noel Stellini a fol,68 et. seq.
[4] Ara stqarrija a fol.28 et.seq.

iehor ta’ Dr. Karl Cutajar li jindika illi Muscat kienet qed isofri minn ksur f’subajghha tax-xellug, izda dana ic-certifikat mediku la jigi ikkonfermat bil-gurament u lanqas jittella’ jixhed l-istess tabib biex jispjega in-natura tal-griehi li wasslu ghall-allegat ksur. Kwindi fin-nuqqas ta’ dina l-prova kardinali, l-Qorti ma tistax issib htija ghal dina l-akkuza.

Illi madanakollu jirrizulta ippruvat illi Marion Muscat sofriet griehi ta’ natura hafifa meta kellha l-argument ma’l-imputat u dana kif iccertifikat Dr. Diane Balzan kwindi l-imputat ser jinsab hati ghal dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies l-akkuza dwar ir-recidiva, il-Qorti tosserva illi ghalkemm giet esebieta il-fedina penali piuttost ikkulurita u voluminuza ta’l-imputat, madanakollu il-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprezenta is-sentenzi tal-qarti li ghalihom saret referenza fl-akkuza u kwindi billi il-fedina penali wahedha ma hijiex sufficjenti sabiex tinstab htija ghal dina l-akkuza, il-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u mill-akkuza dwar ir-recidiva, issibu hati tat-tielet akkuza u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitt ewro (€100).

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lil hati b’ garanzija taht penali ta’ €1000 biex izomm il-paci ma’ Marion Muscat u dana ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------